MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2013

Numru. 132/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESSICA GRIMA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**GARY ANTHONY WINGFIELD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gary Anthony Wingfield, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 391602L.

**Akkuzat talli:**

Fil-Gzejjer Maltin, gewwa San Pawl il-Bahar, bejn il-lejl tad-9 ta` Frar, 2013, u l-10 ta` Frar, 2013, ghal habta tat-tlieta ta` filghodu (03:00hrs):

1. Vontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg Aldo muscat u Carmelina Muscat, mobbli jew immobli, u cioe` vettura tal-ghamla Kia Sedona, bin-numru tar-registrazzjoni DBK 189, liema dannu jeccedi l-mija u sittax –il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), izda ma jeccedix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta` Aldo Muscat hekk kif iccertifikat mit-tabib, Dr. Anthony G. Sano, MD, bin-numru tar-registrazzjoni mediku 3497;

3. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Marse-Ann Farrugia, LL.D.,

4. M'obdiex l-ordnijiet leggittima tal-awtorita` jew ta` wiehed li huwa inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` mis-Surgent 935 Patrick Cassar;

5. Ingurja jew hedded lil Aldo Muscat;

6. Kien fis-sakra b'mod illi ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu;

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 579 (2), 325, 221 (1), 339 (1) (e), 338 (dd), 338 (ee), 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Minhabba l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-koperazzjoni tieghu mal-Awtoritajiet tal-Prosekuzzjonu kif ukoll wara li dina l-Qorti innotat li l-imputat obbliga ruhi li fi zmien xahar (1) mil-llum ihallas l-ispejjes dovuti, dina l-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan bil-patt u l-kundizzjoni li:

1. Ma jersaq gewwa hanut tax-xorb inkluz dawk ta` Bugibba u dan ghall-perjodu ta` sena (1) mil-llum;

2. Illi huwa jidhol kemm jista` jkun malajr f'dan il-kors tas-Sedqa taht is-supervizzjoni ta` Vicky Scicluna illi ghandha tinforma lill-Qorti minn zmien ghal zmien verbalment illi l-imputat qed isegwi dan it-tattament.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------